



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Marzu 2018
(OR. en)

6534/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0036 (NLE)

RECH 85
MED 6
AGRI 105
MIGR 29
RELEX 166
MA 5

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim
għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika
bejn l-Unjoni Ewropea
u r-Renju tal-Marokk
li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet
għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk
fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni
fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186, flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Kunsens ta'(għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tipprevedi l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (“PRIMA”) li jipparteċipaw fiha b’mod konġunt diversi Stati Membri.
- (2) Ir-Renju tal-Marokk (“il-Marokk”) esprima x-xewqa tiegħu li jissieħeb fi PRIMA bħala Stat Parteċipant u li jkun fl-istess livell tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-programm Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) - li jipparteċipaw fi PRIMA.
- (3) Skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324, il-Marokk isir Stat Parteċipant fi PRIMA soġġett għall-konklużjoni ta’ ftehim internazzjonali għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni li jstabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-partiċipazzjoni tal-Marokk fi PRIMA.

¹ Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2017 dwar il-partiċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b’mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU L 185, 18.7.2017, p. 1).

- (4) F' b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill(UE) 2018/...¹⁺, il-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ('il-Ftehim') għie ffirmat fi ...⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (5) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) (ĠU L ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza u imla n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti għad-dokument ST 6532/18.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar.

Artikolu 1

Il-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni¹.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 5(2) tal-Ftehim².

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ It-test tal-Ftehim ġie ppubblikat fi [ĠU...] flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.